# Fil-Qorti tal-Magistrati Malta

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A., LL.M(Kent)., LL.D**

**Illum is-16 ta' Gunju 2020**

**Kaz Numru 22/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**Vs.**

**Carlos Montesin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Carlos Montesin, ta' 18 il-sena iben Patricia Montesin mwieled tal-Pieta nhar il-25 t'Ottubru 2001 u resident Block B, Flat 2, Triq is-Sebh, Marsa u detentur tal-Karta ta' l-Identita Maltija bin-numru 433601L akkuzat :

U nakkuzah talli fil-Belt Valletta u/jew fi bnadi ohra f'Malta, nhar it-13 u 14 ta' Jannar 2020 fil-ghodu;

1. inqast milli tidher ghal ordni ta' l-Awtorita msemmija fl-obligazzjoni tal-garanzija hekk kif imposti fuqek b'digriet tal-helsien mill-arrest minn din l-Onorabbli Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello nhar is-17 t' Ottubru 2019 jew inqast milli tosserva xi kundizzjoni mposta fuqek;

U nakkuzah ukoll talli fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u/jew fi bnadi ohra f'Malta, nhar l-14 ta' Jannar 2020 fin-nofs siegha ta' filghodu (00.30);

2. Wettaqt serq ta' flus li huwa aggravat bil-valur u bil-hin;

3. Ikkommetejt reat fil-perjodu operativ ta' probation moghtija lilek mill-Magistrat Dr. Paul Coppini nhar is-6 t' Ottubru 2019 ;

4. Ikkommetejt reat fil-perjodu ta' ordni b' liberazzjoni kkundizzjonat skond sentenza tal-Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo ddatata nhar l-1 ta' Frar 2019;

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest u tordna li l - imputat jerga jigi arrestat mill-gdid ai termini ta' Artikolu 579 (3).

Rat li waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2020, fl-iktar stadju bikri, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi l-Qorti ordnat li jsir Social Inquiry Report tal-imputat u talbet lid-Direttur tal-Probation sabiex jahtar ufficjal sabiex ihejji dan ir-rapport.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar it-13 u 14 ta' Jannar 2020 meta gie rraportat li gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta kien ghadu kemm gie nnottat guvni jisgassa katnazz ta' *kiddie ride* u seraq ammont ta' flus minn go fiha.

**Ikkunsidrat**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2020 din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghal-finijiet ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni d-dokument esebiti u x-xhieda ta' l-ufficjal tal-probation Glen Grixti, kif ukoll il-psikjatriku Dr. Nigel Camilleri. Illi mill-analizi li ghamlu jirrizulta li l-imputat qabad triq li hi miexja lejn id-disobidjenza socjali u xi drabi kriminali, ghalkemm sa issa, minkejja l-eta' zghira tieghu, ma rrizulta xejn allarmanti.

L-imputat kellu trobbija difficli, instabbli u iebsa, bi problemi socjali, finanzjarji u personali sostanzjali, b'mod partikolari, b'negligenza u b'abbuz lejh. Ta' tmintax il-sena, u ta' eta' izghar kellu jfendi ghal rasu u jghix f'kaos personali. Irrizulta wkoll li tul it-trobbija tieghu ma gewx indirrizati certu sintomi fih li biz-zmien aggravaw u spicca jircievi kura psikjatrika wara li kien wegga lilu nnifsu. Illum il-gurnata l-frott ta' dan kollu huwa guvni nieqes minn direzzjoni li gie mcahhad min-necessitajiet essenzjali u minn direzzjoni adegwata u possitiva sabiex jitrabba u jimmatura f'citaddin responsabbli. Illi kunsidrati dawn ic-cirkostanzi kollha migbura flimkien din il-Qorti ma tistax tkun nieqsa minn empatija ghas-sitwazzjoni kiefra li sab ruhu fiha l-imputat u tinkwieta ghall-fatt li dan ghadu kemm ghalaq l-eta' ta' adult u ghad ghandu hajtu kollha quddiemu, li wiehd jispera li ghandha tkun kemm jista' jkun hajja produttiva u ta' kuntentizza billi jkun integrat fis-socjeta' u jikkonforma ruhu bhal cittadini ohra.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tqis li l-imputat, in vista ta' l-ammisjoni tieghu u n-natura ta' l-imputazzjoni, oltre wara li hadet konjizzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-ufficjali tal-*Probation,* ghandu jehel piena ta' prigunerija tara li huwa important u krucjali li l-imputat jinghata ghajnuna professjonali sabiex jindirizza d-diffikultajiet li jinsab fihom

sabiex jinghata kull ghajununa possibli f'dan il-perjodu ta' inkarcerazzjoni sabiex jelgheb l-isfidi li ghandu.

**Decide**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 338 (ee), 338 (g), 338 (dd), 261(c) u (f), 263, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(1), 334, 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-artikoli 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fuq amissjoni tieghu stess, qeghda ssib, lill-imputat Carlos Montesin **hati** tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet, tikkundannah piena ta' prigunerija ta' ghaxar (10) xhur u inoltre, tordna li l-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta a tenur tal-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, din il-Qorti qeghda, a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, taghzel li tittratta lill-hati ghar-reati li dwaru kien inghata l-ordni ta' *probation* bis-sahha tas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2019 moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta, u tikkundannah piena ta' hdax (11)-il xahar prigunerija.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, din il-Qorti qeghda wkoll, a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, taghzel li tittratta lill-hati ghar-reati li dwaru kien inghata l-ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata bis-sahha tas-sentenza tal-1 ta' Frar 2019 moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta, u tikkundannah ghall-terminu ta' tliet (3) xhur prigunerija, oltre li tikkundannah ghall-multa ta' tmien mitt Euro (€800) liema ammont, jekk jibqa' mhux imhallas sakemm il-hati

jiskonta l-piena komplessiva, ghandu jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Konsegwentement, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati Carlos Montesin terminu ta' prigunerija komplessiv ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar, minn liema terminu ta' prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li l-hati ga ghamel taht arrest preventiv.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li Carlos Montesin jerga jigi arrestat mill-gdid.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament, liema ordni qieghda issir ghall-perjodu ta' tliet (3) snin sabiex (i) il-hati ikompli bil-kura psikjatrika sabiex jinghata kull ghajnuna sabiex issib stabbilita mentali u jinghata l-medicini necessarji u (ii) jinghata assistenza psikologika sabiex ikun jista jindirizza t-trawmi li ghadda minnhom fil-passat u li kellhom impatt fuqu.

Il-Qorti tordna wkoll li l-hati ikompli jigi ssorveljat minn ufficjal tal-Probation u Parole ghal perjodu ta' tlett snin u li ghandu jikkoordina mad-Direttur tal-Habs sabiex waqt li l-hati ikun qieghed jiskonta din il-piena ikompli bit-trattament mehtieg b'mod immedjat.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li waqt li l-hati jkun fil-perjodu ta' inkarcerazzjoni, u safejn jaccetta l-istess hati, jigi offrut u jinghata kull opportunita possibli sabiex itejjeb il-livell

ta' edukazzjoni tieghu u/jew jitghallem sena li eventwalment jghinnuh jintegra ruhu fil-hajja tax-xoghol u s-socjeta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

KOMUNIKA DIRETUR TAL-HABS

KOMMUNIKA DIRETTUR TAL-PROBATION U PAROLE

**Moghtija illum nhar is-16 ta' Gunju 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**